

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Awwissu 2016 – Poniskaitis vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-133/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolementi tal-Persunal — Trasferiment lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni ta' drittijiet tal-pensjoni miksuba taħt skemi oħra — Deċiżjoni li tirrikonoxxi akkreditazzjoni ta' snin ta' servizz li tapplika d-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolementi tal-Persunal — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors manifestament infondat)

(2016/C 364/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Jonas Poniskaitis (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J.-N. Louis, R. Metz u D. Verbeke, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement G. Gattinara, aġent)

Suġġett

Talba għal annullament tad-deċiżjoni dwar it-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrent fl-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni, deċiżjoni li tapplika d-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolementi tal-Persunal.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 16, 19.01.2015, p. 50.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Lulju 2016 – Polizzi vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-138/14) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni nazzjonali — Proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin tas-servizz — Att li ma jikkawżax preġudizzju — Talba għal deċiżjoni mingħajr ma t-Tribunal jidħol fil-mertu tal-kawża — Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura)

(2016/C 364/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Rosalba Polizzi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi u T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment J. Currall u G. Gattinara, sussegwentement G. Gattinara u F. Simonetti, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tikkalkola d-drittijiet għall-pensjoni tar-rikorrenti fil-kuntest tat-trasferiment ta' dawn id-drittijiet lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni, liema deċiżjoni tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Rosalba Polizzi għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbat i-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 34, 2.2.2015, p. 55.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-1 ta' Awwissu 2016 – Simon vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-28/15) (¹)

(Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Pensjonijiet — Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Trasferiment lejn l-iskema tal-pensjoni tal-Unjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba bis-saħħa ta' skemi oħrajn — Deċiżjoni li tirrikonoxxi akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz pensjonabbli li japplikaw id-DĠI l-ġodda dwar l-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Artikolu 81 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors manifestament infondat)

(2016/C 364/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Anne-Claire Simon (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J.-N. Louis u N. de Montigny, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment minn J. Currall u G. Gattinara, aġenti, sussegwentement minn G. Gattinara, aġent)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni finali ta' trasferiment tad-drittijiet tar-rikorrenti għall-pensjoni fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni (DĠI) l-ġodda tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal tat-3 ta' Marzu 2011.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 146, 4.5.2015, p. 49.